Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 31 – L-Erbgha, 20 t'Awwissu, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv uxxenti |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju |

Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

**1.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

1.1 Is-Segretaju Ezekuttiv uxxenti Amanda Abela ndirizzat lill-kunsilliera u nfurmathom bil-hatra tal-Agent Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber b'effett mill-14 t'Awwissu 2014. Hi qalet li llum stess kienet bghatet email lis-Sindku u l-kunsilliera fejn qaltilhom li kienet stiednet lill-Lucienne Haber biex fil-laqgha ta' llum tkun hi li tmexxi l-laqgha u tiehu l-minuti. Hija semmiet li f'dan l-istadju, l-item fl-agenda tal-Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv li hemm fl-agenda mhux ser jigi diskuss peress li s-Sinjura Haber hija wahda mill-applikanti prospettivi u ghalhekk jista' jkun hemm konflitt ta' nteress. Hija semmiet li l-lista tal-applikanti tinsab fin-noticeboard u kulhadd jista jikseb l-informazzjoni mehtiega minn hemm.

1.2 Hawnhekk is-Sindku Francis Cauchi staqsa lis-Sinjura Abela dwar x'inhi l-pozizzjoni taghha prezentament fil-Kunsill. Hija wiegbet li meta staqsiet lid-Dipartiment inghatat it-twegiba li hija Segretarju Ezekuttiv uxxenti. Is-Sindku talabha taghti d-data tal-ahhar gurnata tat-terminu tal-post taghha ta' Segretarju Ezekuttiv kif titlob il-ligi. Hija stqarret li ghadha qed tistenna t-terminu taghha minn mal-Kunsill ta' Ghajnsielem mid-Dipartiment u ghalhekk fil-prezent mhix f'pozizzjoni li taghti d-data ghax ma tafhiex. Is-Sindku hawnhekk staqsiha kif stqarret fil-laqghat ta' qabel li nghatajt opportunita' ahjar u fuq bazi ta' ragunijiet personali u fl-istess hin il-post ta' Agent Segretarju Ezekuttiv kien diga gie approvat u mahtur mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u hi ghadha ma tafx meta ser titlaq.

1.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrimarka li hassu urtat ghal fatt li fil-laqgha ta' qabel is-Segretarja qalet li mhix certa dwar il-pozizzjoni taghha u mbaghad gejn f'din il-laqgha u sibna kollox lest f'dak li huwa process ta' hatra ta' segretarju gdid minghajr ebda konsultazzjoni mal-kunsilliera. Is-Sinjura Abela wiegbet li hija sejhet laqgha specifikata fuq dan is-suggett u nfurmathom bis-sitwazzjonijiet f'din il-laqgha.

## 2.0 Ftuh ta' t'Offerti

2.1 Il-ftuh tal-offerti sar mis-Segretarju Ezekuttiv uxxenti Amanda Abela. Wiehed miz-zewg bidders prezenti staqsa ghaliex kien qed jara l-envelopes tat-tenders fuq il-mejda meta dawn normalment jinfethu appena l-hin tal-gheluq taghhom u staqsa wkoll ghaliex bhala bidders ma rawx il-kaxxi jinfethu u kif certu envelopes ma kinux issigillati fejn uhud minnhom ukoll kienu miftuha. Huwa stqarr li l-procedura hi li jekk ma jinfethux dak il-hin tal-gheluq, it-tenders jigu ssigillati dak il-hin stess b'xi sigill mis-Segretarju Ezekuttiv u kunsilliera u s-sigill jinkiser meta jigu biex jinfethu l-kaxxi quddiem il-bidders u dawk prezenti skond id-data li kienu nfurmati li jinfethu. Is-Segretarju Ezekuttiv uxxenti Amanda Abela wiegbet li hija nfurmathom li mhux ser jinfethu dak il-hin peress li kienu ser jinfethu fil-laqgha u hija stqarret li ma tafx bil-procedura li dawn suppost jigu ssigillati b'xi mod jekk mhux ser jinfethu dak il-hin. Hawnhekk is-Sindku Francis Cauchi staqsa jekk f'din is-sitwazzjoni ghandux jiftaghhomx jew le u l-bidders prezenti talbuh jipprocedi bil-ftuh taghhom.

2.2 Kien hemm 3 offerti li ghalqu u li l-bids taghom kienu skond dawn l-iskedi:-

2.2.1 Tender GHJN 7/2014 – Tender for the supply and installation of benches and other street furniture at Belvedere, Ghajnsielem

| | |
|---|---|
| Sarah Muscat - | Option A €3490.00; Option B - €4042.00 |
| Forestals - | Option A €2992.00; Option B - €4351.00 |
| Anton Zarb - | Various Options ( mehmuza) |
| Rapa Showrooms – | Various Options ( mehmuza) |

2.2.2 Tender GHJN 8/2014 – Tender for the supply and installation of galvanized steel railings

| | |
|---|---|
| Mark Attard | €22,717.56 |
| Edwin Ciantar | €20, 937.86 |
| George Grech | €22, 796.36 |
| Paul Zammit | €16,971.19 |
| Sam Attard | €26,650.89 |

2.2.3 Ghall-offerta tal-monument tal-football ma ntefghet l-ebda offerta.

2.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jqabbad lill-Perit tal-progett biex jevalwa l-offerti u jaghtina l-veduti tieghu.

**3.0 Railings fil-Belvedere ta' Triq Hamri**

3.1 Ghal-laqgha tal-Kunsill kien mistieden il-Perit tal-progett tal-Belveder Alex Bigeni fejn spjega fid-dettal x'sar u s'fadal isir mill-progett. Huwa rrefera ghad-diversi lmenti li gew indirizzati kemm lilu kif ukoll lill-kunsill mir-residenti tal-inhawi rigward il-hajt li kien hemm propost bhala parti mir-railings peress li gie gholi u li estetikament kien qed jostakla l-veduta. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja mal-Perit u lkoll qablu li dan il-hajt ghandu jitnehha u jsir filata wahda biss li hija mehtiega ghas-sahha tar-railings u minfloku jkompli ghaddej bir-railings. Peress li f'dan l-istadju ser ikun hemm varjazzjoni ta' madwar 27 metru

tul ta' railings,li mill-kalkoli tar-rati stipulati fit-tenders mitfugha, jammontaw ghal madwar 3000 euro il-Perit intalab sabiex jaghmel il-kalkoli tieghu ta' fejn jistghu jitnaqqsu railings sabiex din il-varjazzjoni tiffitja sew gol-budget tal-progett. Il-Perit issugerixxa li jitnehha parti sostanzjali mir-railings tat-turgien u l-kumplament isir bil-gebel biex b'hekk titnaqqas sostanzjalment il-varjazzjoni tal-htiega ta' railings. L-istess japplika ghar-rampa tad-disabled.

3.2 Rigward il-fatt li ma ntefghet l-ebda offerta ghall-kostruzzjoni tal-monument tal-football, huwa ssugerixxa li x-xoghol jista jsir mill-haddiema tal-gvern u jinkesa bit-travertine. Sar qbil li ghandhom jingabru tlett stimi ghat-travertine mehtieg. ( to check if we need to go direct for quotations or to issue it gazetta tal-gvern).

3.3 F'dan l-istadju sar qbil li ghandha tintalab sabiex ssir 'minor amendment' lill-permess tal-MEPA permezz ta' DNO.

3.4 Sar qbil li l-Perit ghandu jevalwa l-offerti kollha mitfugha.

**4.0 Attivita' tal-go carts**

4.1 Prezenti ghal-laqgha kien mistieden ukoll James Camilleri li jirraprezenta l-ghaqda Island Cart Club fejn talbu sabiex issir Go-cart race f'Ghajnsielem nhar il-Hadd 7 ta' Settembru 2014 minn nofsinhar sas-6:00 ta' filghaxija. Din l-attivita issir b'risq Respite Foundation u qed tintalab sabiex issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. L-Ghaqda qed titlob jekk tistax tintuza l-insurance tal-Kunsill ghal din l-attivita' u jekk il-Kunsill hux lest li jisponsorja t-trophies u l-medalji ghal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jikkollabora f'din l-attivita' u li ghandu jassorbi l-ispiza tat-trophies u medalji ghal madwar 150-200 euro. Qed titlob ukoll biex fejn hemm xi toqob fit-toroq dawn jitrangaw, traffic management u balal tat-tiben. Bhala insurance tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv uxxenti qalet li peress lil-attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, din l-attivita' hija koperta b'din l-insurance u ghalhekk tista tintuza hi bhala third party jekk ikun hemm xi ncident jew xi hsarat. Is-Sur James Camilleri qal li s-sewwieq kollha li ser jippartecipaw huma responsabli taghhom infushom jekk dawn ikollhom xi ncident. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lil Transport Malta b'din l-attivita'.

## 5.0 Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa kellu nhar il-25 ta' Lulju 2014 fi hdan il-Kumitat Regjonali rigward l-Istreet Lighting.

5.2 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li kellu nhar il-31 ta' Lulju 2014 mal-kumpanija li qed tiehu hsieb il-film li ser isir Mgarr ix-Xini dwar in-nuqqas ta' permess mill-Kunsill peress li ser tintuza l-konfini ta' Ghajnsielem. Fit-12 t'Awwissu is-Sindku ltaqgh mas-Sur Joseph Formosa Randon u dan wieghed kumpens lill-Kunsill. Is-Sindku hawnhekk talbu jekk l-injam li qed juzaw ghal konstruzzjoni hux ser jintrema' u jekk inhu dan ghandhomx il-pjacir jghadduh lil Kunsill biex jintuza ghal bini ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. Huma stqarrew li l-bicca l-kbira tal-injam huwa mikri izda li ghandhom taghhom ser jghadduh lil Kunsill.

5.3 Is-Sindku rrefera ghat-telefona li rcieva nhar it-8 t'Awwissu 2014 minghand Frankie Saliba fejn infurmah li xi trakk laqghat fanal, waqqghu u kisru. Dan ghabbih u gabu l-Kunsill. Dan sar jaf min hu u li l-istima ta' fanal gdid hija 800 euros + VAT. L-individwu li laqghat il-fanal gie jirraporta dan l-incident fl-ufficju tal-Kunsill. Huwa talab jekk jistax minflok li jhallas tieghu, jiehdu u jirrangah. Is-Sindku approva li jaghmel dan bil-kundizzjoni li jigi ccertifikat li qed jahdem normali. Sar qbil li dan il-fanal ghandu jehel sal-gimgha tal-fest peress li minhabba dan l-incident hemm il-fanali l-ohra mitfija wkoll.

5.4 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li kellu nhar it-13 t'Awwissu 2014 flimkien ma' Sindki ohra mal-Onor Justyne Caruana dwar Strategija Nazzjonali Anzjanita' Attiva. Huwa semma' li l-Onor tixtieq izzomm laqgha mal-pubbliku dwar l-Anzjanita' Attiva. Sar qbil dwar dan.

5.5 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li huwa kellu mal-Inginier Joseph ta' Galeacurmi rigward id-dawl li jinhtieg jghaddi fl-Ghajn tal-Hasselin.

5.6 Giet trattata l-istedina minghand l-Arcipriet Frankie Bajada fejn stieden lill-Kunsill ghal-pontifikal tal-festa nhar il-Hadd 31 t'Awwissu.

5.7 Giet trattata l-ittra minghand il-Gozo Youth Wind Band & Orchestra dwar l-attivita li jixtiequ jtellghu fl-ahhar ta' Settembru. Huma qed jitolbu sponsor ta' 500 ewro. Il-Kunsill qabel li peress li l-attivita ser issir fil-lokal ghandu jghaddilhom is-somma ta 250 euro izda minhabba commitments ohra ma' jistax jghaddi s-somma shih mitluba.

5.8 Sar qbil li ghandhom jinxtraw xi xtieli biex jithawwlu fil-pots ta' madwar il-Pjazza biex ikomplu jsebbhu l-ambjent ghal jiem tal-festa.

5.9 Giet trattata l-ittra minghand Paul Muscat rigward xi tabelli ta' htiega ta' 10kilometer speed fil-Marina tal-Imgarr minhabba speed eccessiv. Din it-talba diga giet mghoddija lil Transport Malta ghall-approvazzjoni taghhom.

5.10 Giet trattata l-ittra minghand in-Nutritionist Eileen Vella tal-Health Promotion Unit fejn talbet sabiex isiru laqghat ghal pubbliku fl-okkazzjoni tal-World Diabetes Day. Il-Kunsill qabel ma dan u ghandu jorganizzaw dawn il-laqghat wara l-festa.

5.11 Giet trattata l-istedina ghal programm muzikali li ser issir fl-okkazzjoni tal-festa tal-Madonna ta' Loretur nhar is-26 t'Awwissu 2014 fid-9:00 ta' filghaxija u wara jkun hemm l-inawgurazzjoni tal-Bistro Cafe' 'Giuseppe'.

5.12 Giet tratta l-ittra minghand Carmen Galea tal-MEPA rigwar l-EIPP f'Ghajnsielem fejn infurmat lill-Kunsill li wara li saru l-konsultazzjoni mal-EIPP team, sar qbil li 'reconstruction of damaged road' ma taqax tahr ir-restawr ta' environmental u cultural heritage scheduled items u ghalhekk ma tikkwalifikax taht l-EIPP funds. Madakollu huma qed jirrakkomandaw i l-Kunsill japplika ghal din it-talba taht l-UIF u Transport Planning Unit. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha ma' dan it-team fuq dan is-suggett.

5.13 Giet trattata l-ittra mignahd Refalo & Associates Advocates ghan-nom ta' Anthony Portelli fuq incident li gara fi Triq Filfla kagunat minn sleeping policeman li mhijiex vijabbli ghas-sewwieqa peress li mhix mixbugha u qed jitlob lil Kunsill sabiex jghaddi s-somma ta' 290 euros li jirrapprezentaw hsara sofferta mill-mittenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi din l-ittra lill-avukata tal-Kunsill u nigbdulha l-attenzjoni li l-mittenti huwa resideni f'din it-triq ghalhekk zgur li kien konxju tas-sleeping policeman li tinsab fit-triq tieghu.

5.14 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera ghaz-zjara li ser jaghmel grupp minn Tolfa fil-jiem tal-festa. Huwa semma' li gejjin xi grupp ta' tmenin li bicca minnhom ser jiehu hsieb l-ispejjes tal-akkomodazzjoni l-Ministeru ghal Ghawdex u l-kumplament ser jiehu hsieb il-Kunsill. Huwa semma' li t-taljani wrew ix-xewqa li jgibu grupp ta' zeffiena li jaghtu spettaklu nhar l-Erbgha tal-festa. Sar qbil li ghandna niccekjaw jekk issirx quddiem il-kazin wara l-velja tat-talb li tigi organizzata dakinhar. Il-Kunsill iddiskuta s-sistemazzjoni tal-akkomodazzjoni taghhom u ddiskuta l-oraganizzazzjoni tat-trasport mehtieg. Larry Buttigieg propona li f'serata minnhom ghandna noffrulhom ikla u sar qbil li ghandna norganizzawlhom Barbeque fi Pjazzetta 10 ta' Dicembru. Sar qbil li Franco Ciangura u Larry Buttigieg jiehdu hsieb l-organizzazzjoni ta' dan il-Barbeque. Sar qbil li ghandna nikru l-imwejjed u s-siggijiet.

## 6.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

6.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Is-Sindku Francis Cauchi staqsa dwar kif il-kirja tal-jigger intelghet ghal 90 euro u s-Segretarja Amanda Abela spjegat kif il-haddiema tal-gvern talbu kirja ta' jigger biex titkisser bankina u l-jigger irritornah lura l-gurnata tal-ghada peress li l-bankina ma tkissritx fl-ewwel jum.

## 7.0 Green Infranet

7.1 Saret referenza ghal-konferenza relatata mal-progett Green Infranet li ser issir f'Bologna bejn is-6-8 ta' Settembru 2014. Is-Sindku semma' li ghal din il-konferenza jinhtieg li tmur delegazzjoni mill-Kunsill u skond il-budget allokat ma jistghux imorru aktar minn erba' persuni. Sar qbil li ghandhom imorru s-Sindku Frans Cauchi, il-Kunsillier Peter Caruana, il-kunsillier Stephen Mercieca u l-konsulenta Krista Farrugia.

7.2 Sar qbil li ghal konferenza tal-gheluq tal-progett li ser issir fi Flevoland, l-Olanda ghandhom imorru erba rapprezentanti ohra dejjem jekk jippermetti l-budget u jkunu s-Segretarju Ezekuttiv, is-Sindku, il-Vici Sindku u l-kunsillier Larry Buttigieg.M.O.

7.3 Gie trattat l-ilment li wassal is-Sur Joseph Galea waqt il-laqgha tal-Kunsill, dak li l-arriva mhix tghaddi minn Triq ( fejn ta' Mauro). Is-Sindku wiegbu li din it-talba tressqet kemm il-darba quddiem Transport Malta izda dawn dejjem jirrifjutaw li jghaddu minn hemm. Sar qbil li ser terga ssir it-talba bit-tama li jekk tinbidel il-kumpanija jistghu jikkunsidraw li jahdmu b'karozzi izghar u jkun il-kaz li terga tibda tghaddi.

7.4 Waqt il-laqgha gew xi residenti ta' Triq Hamri biex jilmentaw mill-hajt li qed isir fil-Belvedere. Is-Sindku spjegalhom li qed isir progett sabih hafna u x-xoghol qed jinhadem b'sengha kbira. Huwa rrefera ghal fatt li l-permess hareg mod u issa x-xoghol qed juri li l-htigijiet jirrekjedu mod iehor. Huwa semma' li ser issir emenda fil-permess u l-hajt ser jitnehha ghal filata wahda biss minhabba s-sahha u minflok isir railings. Ir-residenti kienu kuntenti b'din id-decizzjoni. Huma talbu wkoll sabiex is-servizz tat-trasport pubbliku jerga jibda jghaddi minn quddiem taghom. Sar qbil li din it-talba ghandha titressaq quddiem Transport Malta.

7.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera ghall-attivita' li saret fi Pjazza tar-Rebha x-Xatt u fahhar l-inizjattiva ghax irnexxiet hafna. Huwa propona li ghandha tinbghat ittra lid-Dipartiment tal-Kultura fi hda il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex nirringrazzjawhom u nitolbuhom jekk fix-xitwa jistghux isiru xi attivitajiet simili.

7.6 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera ghal bozza mahruqa fi Triq Cordina u li ilha rrapurtata zmien.

7.7 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera ghall-attivita' Betlehem f'Ghajnsielem u talab sabiex jekk hemm il-htiega ta' xi talba ta' DNO mill-MEPA isir kemm jista jkun malajr biex ikunu jistghu jinbdew il-preparamenti.

7.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinzebghu s-Slow signs ta' madwar ir-rahal peress li ma tantx ghadhom jidhru u dwar il-htiega ta' hadida fi Triq Cordina kantuniera ma Triq Cens l-Gharus.

7.9 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera ghal hmieg li hemm fil-Belvedere ta' quddiem il-Grand Hotel. Sar qbil li ghandha tintbghat email lid-Direttur Joe Portelli u ninfurmawh dwar dan.

7.10 Il-Vici Sindku Franco Ciangura talab sabiex isiru zewg tabelli li jindikaw fejn huma l-latrini.

7.11 Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera ghal xi sigar li jintnu li hemm fil-Belveder x'hin tinzel mir-rampa u li hija difficli biex tinzabar. Is-Sindku semma' li nizel jiccekkja u ser niccekjaw ir-raba ta' min hu biex tkun tista tinzabar.

7.12 Is-Sindku rrefera ghall-gagga li kienet tintuza ghal-baseball tar-Redcoats. Peress li l-ftehim kien li tizzarma minhabba l-kiosks, meta tkellem ma' min hu nkarigat sabha difficli li tizzarma u ghalhekk izzarmat bl-ghajnuna tal-haddiema tal-Kunsill. Il-gagga zzarmat u qeghda merfugha f'wahda mill-kmamar ta' Betlehem f'Ghajnsielem.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Hamis, 25 ta' Settembru, 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8:00pm

Francis Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv